

# Anniversarji

Dawn il-ġrajjiet f'din il-kitba, u li l-anniversarji tagħhom jaħbtu matul din is-sena, huma biss għażla żgħira minn fost ħafna li seħħew fl-imgħoddi u li, flimkien ma' oħrajn, sawwru l-istorja ta' din il-belt u tal-parroċċa.

### *DIN IS-SENA JAĦBAT ...*

### 450 SENA MILL-ASSEDJU L-KBIR TA' MALTA (1565)

Ftit wara t-twaqqif tagħha fl-1554 mill-Gran Mastru Klawdju de la Sengle, il-belt tal-Isla għaddiet mill-magħmudija tan-nar u d-demm fi żmien l-Assedju l-Kbir – Mejju sa Settembru 1565. Magħqudin mat-tmexxija tal-Kavallieri ta' San Ġwann, l-antenati tagħna kitbu paġna glorjuża b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' din il-belt. Is-sehem tal-Belt Senglea u taċ-ċittadini qalbiena tagħha fi żmien dan l-assedju kien vitali għar-rebħa aħħarija. B'rikonoxximent ta' din il-qlubija, l-Isla staqqilha li tingħata t-titlu ta' *Civitas Invicta*, il-Belt Qatt Mirbuħa. (Aktar dwar l-Assedju u s-sehem tal-Isla fih f'paġna 3 ta' dan il-ktejjeb)

Inżidu mill-ewwel, li dan l-avveniment glorjuż li biddel l-istorja mhux biss tal-Isla u ta' Malta, imma tal-Ewropa Nisranija, f'pajjiżna, u speċjalment f'beltna, dejjem ġie mfakkar b'mod dinjituż f'kull sena ċentinarja tiegħu.

L-**1665** rat l-ewwel ċentinarju. Kien żmien il-Gran Mastru Nikol Cotoner, meta fl-Isla kien imexxi l-Kappillan Dun Franġisk Azzopardi. Dan l-ewwel ċentinarju ġie festeġġjat b'festi speċjali kemm mill-Ordni ta' San Ġwann, li għalihom kien jum ta' festa kbira, kemm mill-parroċċa li kienet iddedikata lit-Twelid tal-Madonna, kif ukoll miċ-ċittadini Sengleani, li dan iċ-ċentinarju fakkarhom fl-eroiżmu ta' missirijiethom. Saru festi straordinarji fit-Tempju Senglean, mibni proprju bħala mafkar tar-rebħa, u għalhekk, monument awtentiku għal din il-ġrajja. Saru wkoll mixgħela kbira ta' fjakkoli u sparar ta' maskli speċjalment minn fuq il-Forti San Mikiel, filwaqt li tqassmu flus u ikel lill-foqra u l-batuti.

Kien żmien ukoll meta l-knisja tal-Isla, kif ukoll il-festa tal-Bambina nhar it-8 ta' Settembru, bdew jieħdu l-isem komuni għat-tnejn ta' 'Il-Vitorja'.

L-**1765** kien jaħbat it-tieni ċentinarju, meta kien jaħkem fuq Malta l-Gran Mastru Emanuel Pinto, u l-Isla kellha bħala Kappillan lil Dun Fortunat Vella, mgħejjun mill-Kuġitur Dun Salv

**L-Assedju l-Kbir tal-1565 kif impitter minn Frank Portelli, fl-2004, fl-abside ċentrali tal-Bażilika**






Tqegħid ta' kuruna tar-rand u tlugħ tal-bandiera tal-Ordni fuq is-swar tal-Isla bħala parti miċ-ċerimonja li saret fil-15 ta' Lulju 1965 fil-kommemorazzjoni tal-400 sena tal-Assedju l-Kbir



Bonniċi. L-istess bħalma sar mitt sena qabel, l-Isla ngħatat importanza kbira mill-Ordni fl-organizazzjoni ta' dak iċ-ċentinarju, b'ħafna tiżjin, dawl u sparar li saru minn fuq is-swar. Kienet iżda tassew ħasra li ħafna minn dak li kien ġie ppreparat għall-jiem tas-7 u t-8 ta' Settembru, kellu jitħassar għaliex dawn inzertaw jiem ta' xita qliel. Imma ċ-ċelebrazzjonijiet fil-knisja saru bis-solennità kollha kif kien ġie ppjanat.

L-**1865** u t-tielet ċentinarju kien żmien meta l-Ordni ta' San Ġwann kien ilu aktar minn 65 sena li telaq minn Malta. Għalhekk, il-festi li saru min-naħa tal-Gvern Kolonjali ta' dak iż-żmien kienu ferm anqas minn dawk ta' qabel. Il-festi li saru fl-Isla, li dak iż-żmien kienet immexxija mill-Arċipriet Kanonku Dun Franġisk Colombo, kienu denji tal-okkażjoni, bi stedin lill-Awtoritajiet u għadd ta' ċelebrazzjonijiet straordinarji.

Ir-raba' ċentinarju, fl-**1965**, ġie ċelebrat b'festi kbar kemm mill-gvern, sena biss wara li Malta kienet saret Indipendenti, kif ukoll fl-Isla. Hawn dawn il-festi ġew organizzati minn kummissjoni mwaqqfa mill-Kapitlu tal-Kolleġġjata flimkien ma' membri mill-għaqdiet reliġjużi u ċiviċi taħt it-tmexxija tal-Arċipriet Kanonku Dun Ġian Karl Burlò. Il-festi fetħu fit-18 ta' Mejju b'korteo mill-Kavallieri tal-Ordni u l-Kapitlu, u quddiesa minn Mons. Mikiel Gonzi, Arċisqof ta' Malta, b'diskors tal-okkażjoni mill-Kanonku Profs. Carmelo Muscat. Imbagħad, fil-15 ta' Lulju, b'tifkira tal-jum meta bdew l-attakki fuq il-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla, sar korteo ieħor mill-Kavallieri u l-Kapitlu lejn il-Forti San Mikiel, tqiegħdu kuruni tar-rand, u ttellgħet il-bandiera tal-Ordni fuq il-Forti.

Imbagħad, fil-5 ta' Settembru, saret Akkademja Mużiko-Letterarja fil-Bażilika u wara nkixfu żewġ lapidi kbar tal-irħam bl-ismijiet tal-Kavallieri li mietu fid-difiża tal-Isla u l-Forti San Mikiel. Għat-Translazzjoni ta' lejlet il-festa, li tmexxiet mill-Arċisqof Gonzi, reġgħu ħadu sehem il-Kavallieri tal-Ordni. Dik is-sena, il-festi għalqu fid-9 ta' Settembru b'quddiesa solenni *De Requiem* fil-Bażilika u wara, f'ċerimonja simbolika, tniżżlet il-bandiera tal-Ordni minn fuq il-Forti San Mikiel.

## 400 SENA MIT-TWAQQIF TAL-FRATELLANZA TAL-MADONNA TAL-KARITÀ (1615)

Fis-sena 1615 twaqqfet fl-Isla Fratellanza iddedikata lill-Madonna tal-Karità. Dan kien fi żmien it-tieni Kappillan Dun Vinċenz Caruana. L-iskop soċjali karitattiv ta' din il-Fratellanza kien li tieħu ħsieb tagħmel il-funerali lil nies foqra, billi tidfinhom fl-oqbra tagħha u toffri suffraġji għal ruħhom. Il-Fratellanza kienet tiċċelebra l-festa titulari nhar il-5 ta' Awwissu, festa tal-Madonna tas-Silġ, fuq l-artal li kellha fil-parroċċa fejn illum hemm l-artal tad-Duluri.

Maż-żmien, il-Fratellanza bdiet ukoll tagħmel ħidma oħra, dik li tkabbar id-devozzjoni lejn il-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu. Għalhekk, il-kwadru tal-artal inbidel u sar juri lil Marija Addolorata b'Ġesù mejjet fi ħdanha. Din il-ħidma tkattret meta nbidlet il-festa titular u bdiet tiġi ċċelebrata festa f'ġieħ is-Salib Imqaddes nhar it-3 ta' Mejju. Fis-snin bikrin tas-seklu 18, il-Fratellanza bdiet ukoll torganizza purċissjoni tal-Passjoni nhar il-Ġimgħa l-Kbira. Sadanittant, in-numru tal-fratelli u l-entużjażmu kienu naqsu sewwa, sakemm eventwalment din il-Fratellanza ġiet amalgamata mal-Fratellanza tal-Kurċifiss.

***Lampier, bis-sena 1706 minquxa fuqhu, u li oriġinarjament kien propjetà tal-Fratellanza tal-Karità***



## 375 SENA MIT-TWAQQIF TAS-SODALITÀ TAL-AGUNIJA (1640)

Fl-10 ta' Marzu 1640, fi żmien ir-raba' Kappillan Dun Mark Anton Ciappara, twaqqfet fil-parroċċa s-Sodalità tal-Agunija, bi skop ewlieni u speċifiku li jsiru suffraġji għall-erwieħ ta' dawk imseħbin fiha. Bosta rġiel u nisa, għalhekk, inkitbu f'din is-Sodalità bil-ħsieb li wara mewthom, ikollhom b'ċertezza suffraġji għal ruħhom. Fis-sena 1690, il-Kappillan Dun Franġisk de Pena, għabba lil din is-Sodalità b'xi obbligi li kienu tal-Fratellanza tal-Karità, li kienet qed tmur lura. Kien żmien meta l-Fratellanza u s-Sodalità bdew jorganizzaw il-ħidmiet tagħhom flimkien, sa ma saru organizazzjoni waħda, għad illi żammew amministrazzjoni separata. Din is-Sodalità, aktar tard fiż-żmien u b'rabta sħiħa mal-Fratellanza tal-Kurċifiss, baqgħat tiffunzjona għal tul ta' żmien, sa snin relattivament reċenti.

## 300 SENA MIT-TWAQQIF TAL-FRATELLANZA TAL-KURĊIFISS (1715)

Din il-Fratellanza twaqqfet fl-Isla fit-18 ta' Settembru 1715 fi żmien il-Kappillan Dun Mikiel Testaferrata. Hija intrabtet mill-ewwel mal-artal tad-Duluri fejn ġa kien hemm stabbilita l-Fratellanza tal-Madonna tal-Karità li iżda kienet ilha żmien sejra lura. Filwaqt illi l-għan ewlieni kien it-tkattir tad-devozzjoni lejn il-Passjoni u l-Mewt ta' Sidna Ġesù Kristu, hija wkoll



***L-arma tal-Fratellanza tal-Kurċifiss taħt il-kurva tas-saqaf tal-Oratorju tal-Kurċifiss***


L-istatwa tat-Trinità Qaddisa waqt il-purċissjoni tal-1919

tgħabbiet bl-obbligi li kellha l-Fratellanza tal-Karità, billi bdiet tieħu ħsieb id-dfin u s-suffraġji tan-nies foqra. Hija kabbret l-organizazzjoni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u, fi żmien qasir, bniet Oratorju għall-użu tal-fratelli. Il-ħidma karitatevoli u soċjali tal-Fratellanza, wassal biex fiha nkitbu bosta nies, mhux anqas personalitajiet għolja fis-soċjetà. Eżempju ta' dan huwa l-Gran Mastru Emanuel Pinto li kien fratell u Prefett bejn l-1763 u l-1773. Fl-1814, il-Fratellanza tgħabbiet ukoll bl-amministrazzjoni tal-Ospizio Sant'Anna, l-akbar opra soċjali tal-parroċċa. Illum ħidmietha hija t-tkabbir tad-devozzjoni lejn ix-xbieha għażiża ta' Ġesù Redentur u l-organizazzjoni tal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.

## 175 SENA TAL-ISTATWA TAT-TRINITÀ QADDISA (1840)

Il-Fratellanza dedikata lit-Trinità Qaddisa kienet twaqqfet fl-Isla fl-1652, għad illi bdiet tiffunzjona fl-1669. Il-ħidma ewlenija tagħha kienet wisq utli fi żmien meta ħafna kienu jaqgħu lsiera tal-misilmin. Il-fratelli intefgħu b'ruħhom u ġisimhom għall-ħidma fejjieda li jeħilsu mill-jasar lil dawn l-imsejknin. Iżda għal żmien twil, il-Fratellanza ma kelliex statwa proċessjonali, u l-purċissjoni nhar il-festa f'ġieħ dan il-Misterju, kienet issir bis-Santissimu Sagrament. Fis-sena 1837, ċertu Franġisk Cini għamel wegħda li jekk jinħeles mill-marda tal-kolera, huwa jagħmel statwa tat-Trinità. Din il-wegħda kompliha, u ġie kkummissjonat l-iskultur Senglean Antonio Chircop biex jonqox fl-injam din l-istatwa. Tlestiet fis-sena 1840. It-trasport solenni tal-istatwa mill-knisja ta' San Filippu sar is-Sibt, 13 ta' Ġunju u l-għada l-Ħadd, inġarret fil-purċissjoni għall-ewwel darba.

## 125 SENA MINN TMIEM IL-ĦIDMA TAL-ARĊIPRIET DUN ANTON CORDINA (1890)

Għad illi Anton Cordina twieled ir-Rabat, Għawdex, sa minn meta kien għadu żgħir ħafna, il-familja ġiet toqgħod fl-Isla, u hu trabba f'din il-belt. Għalhekk huwa dejjem ħassu li hu Senglean. Fl-1860, ftit snin wara li qaddes, hu nħatar Kanonku Penitenzier tal-Kapitlu. Wara li għal xi snin kien Prepostu tal-Oratorjani ta' San Filippu, huwa nħatar Arċipriet fis-7 ta' Lulju 1879. Fi żmienu saret ħafna ħidma mill-Fratellanzi u s-Sodalitajiet, biex it-tagħlim tal-Knisja jinxtered aktar. B'dan il-għan, fis-sena 1886, fil-Gandlora, twaqqaf l-Istitut ta'

Edukazzjoni Nisranija. Dan wara li fl-1884 kienet twaqqfet il-Kongregazzjoni tas-Sacro Cuor, b'għan li xxerred id-devozzjoni lejn il-Madonna. Fl-1886 kienu saru preparamenti kbar ħalli jiġi ċċelebrat l-ewwel ċentinarju tal-Kolleġġjata, fejn kellhom jieħdu sehem il-Kapitli kollha u l-Kappillani ta' Malta kollha. Ġara, iżda, li tliet ijiem qabel, Malta kollha theżżet minn terremot qawwi li ħalla ħafna ħsarat u, fuq il-parir tal-Awtoritajiet, il-festi ġew ikkanċellati. Fi żmienu wkoll, il-pittur Senglean Ġużeppi Bonniċi, pitter il-koppla u l-erba' lunetti ta' taħtha. L-Arċipriet Cordina temm il-ħidma tiegħu fl-Isla f'Mejju 1890 meta nħatar Monsinjur tal-Katidral.



Kanonku Arċipriet Dun Anton Cordina (1860-1890)

## 75 SENA MILL-BIDU TAL-ĦIDMA TAL-ARĊIPRIET DUN MANUEL BRINCAT (1940)

Fit-18 ta' Frar 1940, Dun Manuel Brincat ġie nominat Arċipriet tal-Isla. Għad illi hu ma kienx twieled f'din il-Belt, sa minn meta kien għadu Suddjaknu, ġie joqgħod hawn mal-familja tiegħu. Dun Manuel ġie ordnat saċerdot fl-1928, meta huwa wkoll sar kanonku tal-Kolleġġjata. Hu minnfih intefa' għall-ħidma pastorali fil-parroċċa bħala Direttur tal-Istitut tal-Edukazzjoni Nisranija, segretarju tad-Domus Piju X u fuq kollox, b'ħidma mas-Soċjetà tal-Museum. Qabel ma' ġie nominat Arċipriet tal-Isla, huwa serva bħala Vigarju kurat fil-Parroċċa ta' Ħal Kirkop, u kien Kappillan ta' Ħal Safi u Ħaż-Żabbar.

Il-ħidma tal-Arċipriet mill-ewwel ittappnet bil-bidu tal-gwerra f'Ġunju ta' dik l-istess sena. L-ewwel festa tiegħu, dik tal-1940, saret b'ħafna anqas solennità mis-soltu. Saru biss il-festi fil-knisja u saħansitra l-istatwa tal-Bambina ma ntramatx. Dan in-nuqqas inħass ħafna speċjalment minn dawk li kienu baqgħu fl-Isla. Matul l-erba' snin tal-gwerra, huwa għadda minn ħafna mumenti ta' niket u ta' qtiegħ il-qalb. Kellu imma wkoll il-konsolazzjoni li nhar it-8 ta' Settembru 1943, iħabbar lill-parruċċani t-tmiem tal-gwerra. Il-karattru qalbieni tiegħu u ż-żelu lejn il-parruċċani kienu żammewh l-Isla anke fl-agħar żminijiet tal-gwerra.

Finalment, huwa ħalla t-tmexxija ta' din il-parroċċa f'Settembru 1947 meta inħatar Arċipriet taż-Żejtun.



Il-Kanonku Arċipriet Dun Manuel Brincat (1940-1947) waqt li akkumpanja lir-Re Ġorġ VI fiż-żjara li għamel fl-Isla nhar l-20 ta' Ġunju 1943